

Brussell, 18 ta' Settembru 2018
(OR. en)

12264/18

COPS 330
CFSP/PESC 832
CSDP/PSDC 503
POLMIL 143
CIVCOM 178
EUMC 153

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 11950/18	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tas-Sħubija Strateġika NU-UE dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi u l-Ġestjoni ta' Kriżijiet: Prijoritajiet għall-2019-2021

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tas-Sħubija Strateġika NU-UE dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi u l-Ġestjoni ta' Kriżijiet: Prijoritajiet għall-2019-2021, adottati mill-Kunsill fit-3636 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Settembru 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
TISĦIĦ TAS-SĦUBIJA STRATEĠIKA NU-UE DWAR L-OPERAZZJONIJIET TA' PAĊI
U L-ĠESTJONI TA' KRIŻIJIET: PRIJORITAJIET GĦALL-2019-2021

1. Il-Kunsill itenni l-impenn qawwi tal-UE, flimkien mal-Istati Membri tagħha, favur in-Nazzjonijiet Uniti (NU) b'saħħitha bħala l-pedament tal-ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli. Il-Kunsill ifaħħar il-kisbiet u jirrikonoxxi kemm in-natura reċiprokament vantaġġuża tal-kooperazzjoni fit-tul bejn in-NU u l-UE dwar iż-żamma ta' paċi u l-ġestjoni ta' kriżijiet b'mezzi ċivili, tal-pulizija u militari kif ukoll l-importanza li fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tkompli l-kooperazzjoni Ewropea mill-qrib. Is-sħubija man-NU tikkontribwixxi għar-rwol tal-UE bħala attur ta' paċi u sigurtà globali b'appoġġ għal multilateraliżmu effettiv. L-UE tipprovdi appoġġ politiku lin-NU kif ukoll għarfien espert, appoġġ finanzjarju u ingranaġġ politiku biex jinkisbu riżultati b'rabta mal-mandati tan-NU. Il-kooperazzjoni mill-qrib tgħin lill-missjonijiet u l-operazzjonijiet tan-NU u tal-UE biex jaġixxu b'mod aktar koerenti u effettiv biex jiġu indirizzati diversi sfidi ta' sigurtà u jiġi żgurat impatt pożittiv u sostenibbli fuq il-post.
2. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li tissaħħaħ is-Sħubija Strateġika NU-UE dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi u l-Ġestjoni ta' Kriżijiet, u japprova l-prioritajiet tan-NU u l-UE għall-2019-2021 u jilqa' l-kamp ta' applikazzjoni estiż u l-fokus operazzjonali ta' dawn il-prioritajiet.
3. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-inklużjoni tan-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà bħala priorità globali, u jappella biex isir sforz biex tiġi aċċellerata l-operazzjonalizzazzjoni ta' dan l-impenn politiku kif ukoll iħeġġeġ b'mod qawwi li jittieħed impenn f'azzjonijiet aktar konkreti b'impatt ikbar, b'mod partikolari biex tiżdied il-parteċipazzjoni sinifikanti tan-nisa f'operazzjonijiet ta' paċi fil-livelli kollha u fl-oqsma kollha ta' għarfien espert.

4. Bħala parti mill-approċċ integrat tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet, il-Kunsill jilqa' l-isforzi biex titjieb il-prevenzjoni tal-konflitti fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' paċi u l-operazzjonijiet tal-ġestjoni ta' kriżijiet u f'dan ir-rigward jisħaq fuq l-importanza partikolari tal-analiżi konġunta tal-konflitti, l-analiżi prospettiva u l-mekkaniżmi ta' twissija bikrija. Barra minn hekk il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat appoġġ għall-proċessi u s-soluzzjonijiet politiċi u jilqa' l-komplementaritajiet ma' sħubiji strateġiċi politiċi oħra, bħal dawk dwar il-prevenzjoni ta' konflitti jew il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-impenji dwar il-prevenzjoni tal-atroċitajiet, ir-responsabbiltà ta' protezzjoni, konsolidazzjoni tal-paċi u li tinżamm il-paċi. Huwa jisħaq ukoll fuq l-importanza tar-rabta bejn is-sigurtà u l-ambjent.
5. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tan-NU u tal-UE fuq il-post biex jiġu żgurati ulterjorment is-sinerġiji, il-komplementaritajiet u l-koordinazzjoni, b'mod partikolari anke b'rabta mal-loġistika, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-komunikazzjoni strateġika. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal użu effettiv tar-riżorsi, kondiviżjoni reċiproka tal-assi u kooperazzjoni mill-qrib fir-rigward tal-ġestjoni tal-impatt ambjentali tal-operazzjonijiet ta' paċi.
6. Il-Kunsill jilqa' l-attenzjoni li qed tingħata lit-transizzjonijiet tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tan-NU u tal-UE bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-kisbiet tagħhom. F'dan il-kuntest, huwa jenfasizza l-importanza li jissaħħu s-sinerġiji ma' organizzazzjonijiet rilevanti oħra stazzjonati fl-istess xenarju, inkluż l-Unjoni Afrikana (UA) u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), kif ukoll li jsir użu mis-sħubija trilaterali bejn in-NU, l-UE u l-Bank Dinji rigward il-Valutazzjonijiet ta' Wara Kriżi u l-Pjanijiet ta' Rkupru.
7. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE bil-ħsieb li tiġi żgurata l-prevedibbiltà tal-appoġġ u l-kontribut tagħhom għall-operazzjonijiet ta' paċi tan-NU u għall-Inizjattiva tal-Azzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tan-NU dwar iż-Żamma ta' Paċi (A4P) u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi ta' riforma relatati tan-NU li għandhom l-għan li jtejbu l-koordinazzjoni u jżidu l-effiċjenza fuq il-post. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-appoġġ tal-UE għad-Dikjarazzjoni tal-Impenji Kondiviżi dwar l-Operazzjonijiet taż-Żamma ta' Paċi tan-NU.

8. Il-Kunsill ifaħħar ir-referenzi li saru tul il-prijoritajiet tan-NU u l-UE għad-drittijiet tal-bniedem u, għal-Liġi Umanitarja Internazzjonali, inkluż il-protezzjoni tat-tfal u ta' persuni oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli f'żoni ta' konflitt u ta' wara konflitt. Huwa jenfasizza wkoll ir-rwol importanti li l-Istati Membri għandhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali u sessista kif ukoll kontra l-isfruttament u l-abbuż sesswali.
9. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza partikolari tal-kooperazzjoni bejn in-NU u l-UE fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' paċi u l-ġestjoni ta' kriżijiet fl-Afrika, inkluż flimkien mal-Unjoni Afrikana (UA) u b'appoġġ lilha. F'dan ir-rigward, huwa jhegħgeġ biex jiġu esplorati inizzjattivi possibbli sabiex tiġi approfondita l-kooperazzjoni trilaterali bejn in-NU, l-UE u l-UA, itenni l-impenn tiegħu li jappoġġa l-inizzjattivi reġjonali inkluż il-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel u l-AMISOM fil-qafas tal-proċess ta' transizzjoni u jfakkar fil-ħtieġa li jiġi pprovdut u jitwassal appoġġ adegwat.
10. Il-Kunsill jilqa' t-tisħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni tal-pulizija f'dan il-kuntest, u l-estensjoni tal-kooperazzjoni dwar ir-Riforma tas-Settur ta' Sigurtà (RSS) biex jiġu inklużi strutturi ġudizzjarji u penitenzjarji (inkluż b'rispons għat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u t-traffikar illegali). Barra minn hekk il-Kunsill jenfasizza li l-kooperazzjoni tal-UE u n-NU dwar il-pulizija, l-Istat tad-Dritt u r-RSS, inkluż il-ġestjoni tal-fruntieri, hija essenzjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ta' stati fraġili u tas-soċjetajiet tagħhom biex jevitaw il-konflitti.
11. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-isforzi biex titjieb il-prestazzjoni tal-operazzjonijiet ta' paċi fuq il-post permezz ta' kooperazzjoni msaħħa dwar it-taħriġ u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet, inkluż eżerċizzji, b'mod partikolari b'enfasi fuq it-tisħiħ tas-sjieda lokali.